MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 8/2007

**Eugenio Portelli**

**vs**

**R. J. C. Caterers Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta’ Marzu, 2007 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors ta' Eugenio Portelli mibghuta bid-data 18 ta' Dicembru 2006 mill-Avukat Dr. Aaron Bonnici li bghat dan ir-rikors ghan-nom ta' Eugenio Portelli fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali.
>
> Mr Eugenio Portelli maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Aaron Mifsud Bonnici u

ghall-Kumpanija R.J.C. Caterers Limited deher is-Sur Buttigieg assistit minn Dr. Paul Farrugia.

Dikjarazzjonijiet tal-Kaz

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien jahdem mal-kumpanija Corinthia Palace Hotel Co Ltd u s-socjeta` intimata naqset li timplimenta l-Ligi dwar t-Trasferiment ta' Negozju u konsegwentement qed jirrifjuta li jaccetta lir-rikorrenti bhala impjegat taghha.

Is-socjeta` fl-istqarrija taghha eccepiet illi t-talba giet ipprezentata fuori termine kif ukoll r-rikorrenti ma setax jipprocedi kontra t-Tribunal Industrijali stante illi hemm kawza quddiem l-istess Tribunal diversament preseduta u dan fuq l-istess mertu, ukoll ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn r-rikorrenti u s-socjeta` esponenti, ukoll dan mhuwiex kaz ta' trasferiment ta' undertaking, u fl-ahhar ma jezistux cirkostanzi fattwali li jintitolaw lir-rikorrenti jinvoka l-artiklu tal-ligi li qieghed jiccita.

PROVI

It-Tribunal Industrijali sema’ rikors fejn intalab li l-mandat ta' sekwestru jigi revokat u t-Tribunal wara li sema' l-partijiet ddekretah;

Gew imressqa diversi provi. Xehed Philip Farrugia li huwa rapprezentant ta’ l-ETC fejn ezebixxa l-working history tar-rikorrenti li jirrizulta illi Eugenio Portelli beda l-impjieg tieghu fis-16 ta' Frar 1995 u spicca fis-6 ta' Settembru 2006, rega’ beda jahdem fis-7 ta' Settembru 2006 u spicca fit-30 ta' Settembru 2006. Ir-rikorrenti kien impjegat mal-Corinthia Caterers Airport Services. Ix-xhud iddikjara illi ma rceva ebda engagement form minghand RJC Caterers Limited.

L-Avukati tal-partijiet ittrattaw il-kaz u waqt it-trattazzjoni rrizulta certi fatti u l-kronologija ta’ l-avvenementi u fosthom illi s-socjeta` intimata rebhet tender mill-Malta International Airport plc u l-kuntratt ta' kera gie ffirmat nhar l-ewwel ta' Awissu 2006.

KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li s-socjeta` R.J.C. Caterers Limited dahlet fil-kuntratt ta' kera fl-1 ta' Awissu 2006. Jirrizulta wkoll illi l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat mill-Corinthia Caterers Airport Services fis-6 ta' Settembru 2006. It-Tribunal jinnota wkoll illi r-rikors tat-tkeccija ingusta giet intavolata fit-18 ta' Dicembru 2006.

Illi t-Tribunal jinnota illi hemm il-perjodu ta' erba' xhur sabiex l-esponenti seta’ jipprezenta rikors ta' dan it-tip u ghalhekk l-erba’ xhur skattew mill-ewwel ta' Awissu 2006 li kienet id-data ta' meta gie iffirmat il-kuntratt ta' kera bejn R.J.C. Caterers Limited u l-MIA plc liema gurnata kellu suppost jigi assunt r-rikorrenti. Ir-rikorrenti kellu bizzejjed zmien sabiex jipprezenta rikors u kien ukoll konxju ta' dawn il-fatti. Ghalhekk ir-rikors promotur gie ipprezentat tardivament ghax gie sottomess nhar it-18 ta’ Dicembru 2006. Il-fatt li r-rikorrenti rega’ gie impjegat ma’ l-istess kumpanija gurnata wara li gie terminat tmur kontra l-istess impjegat ghax qiesu sab impjieg iehor stante illi l-ewwel kuntratt tax-xoghol gie terminat, liema l-ewwel kuntratt se mai huwa l-kuntratt li kien igorr id-drittijiet ai fini ta’ l-Avviz Legali 433 ta' l-2002. It-tieni kuntratt tax-xoghol it-Tribunal qieghed iqisu bhala kuntratt gdid u impjieg gdid ai fini tal-ligi.

It-Tribunal qieghed jikkonsidera wkoll il-fatt li hemm mandat ta' sekwestru kontra s-socjeta` intimata.

Decizjoni

It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li r-rikorrenti Eugenio Portelli ma ipprovax il-kaz tieghu sodisfacentement kontra R.J.C. Caterers Limited u ghalhekk minhabba r-raguni hawn fuq spjegat jiddikjara illi ma hemmx kaz ta' tkeccija ingusta mill-impjieg kif mitlub. Anzi t-Tribunal jiddeciedi wkoll illi billi jilqa’ l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata u b' hekk jichad it-talba tar-rikorrenti.

It-Tribunal jiddeciedi wkoll billi jordna r-revoka tal-mandat 1842/2006 intavolat mir-rikorrenti kontra s-socjeta` intimata b' hekk jigi rilaxxat ukoll il-garanzija bankarja maghmula mill-istess socjeta` intimata.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi il-kaz billi jichad dan ir-rikors bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti. Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 ta’ l-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin Lira Maltin (LM40). B' hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.”

Ir-rikorrenti Eugenio Portelli talab ir-revoka ta’ din is-sentenza b’ dawn l-aggravji:-

(1) Id-decizjoni moghtija hija ngusta u zbaljata in kwantu kull ma kellu jiddeciedi t-Tribunal kien jekk il-kaz devolut lilu kienx *fuori termine*, u mhux ukoll li jiddelibera u jiddeciedi l-mertu meta provi fuq daqshekk ma tressqux;

(2) Id-decizjoni tinjora l-principju *res inter alios acta.* L-appellanti jissolleva dan biex ighid li la hu ma kienx kompartecipi fil-kuntratt bejn il-Malta International Airport u s-socjeta` intimata, dak il-ftehim ma kellux ikun ta’ hsara ghalih;

(3) F’ kull kaz it-Tribunal ma kienx korrett meta assuma d-data ta’ dak il-kuntratt ta’ ftehim (1 ta’ Awissu 2006) bhala d-data tat-terminazzjoni, in kwantu hu kien baqa’ fl-impjieg mas-socjeta` Corinthia Palace Hotel Co Ltd sat-30 ta’ Novembru 2006 u, in pessima ipotesi, sas-7 ta’ Settembru 2006;

Huwa opportun illi qabel kull konsiderazzjoni ta’ dawn l-aggravji jigu imtennija dawn il-fatti kif jistghu mod jew iehor jigu rikavati mill-inkartament:-

(1) Is-socjeta` Corinthia Palace Hotel Co Ltd - anke jekk minn certa xhieda tissemma wkoll l-azjenda Corinthia Caterers Airport Services - jidher li kienet il-gestatrici tal-“food and Beverage retail outlet” bl-isem “Runway Bistro” fl-Ajruport Internazzjonali. L-appellanti kien fl-impjieg ta’ l-imsemmija kumpanija u dan b’ effett mis-16 ta’ Frar 1995;

(2) Is-socjeta` intimata R. J. C. Caterers Limited rebhet it-*tender* ghat-tmexxija ta’ dan l-*outlet* u l-kuntratt lokatizzju relattiv bejn din il-kumpanija u l-Malta International Airport plc gie sottoskritt fl-1 ta’ Awissu 2006 (ara kopja tieghu a fol. 48);

(3) Gja minn qabel din id-data l-General Workers’ Union bhala rapprezentanti tal-haddiema rregistrat tilwima tax-xoghol (Numru 2369/FM) mal-kumpanija intimata kif ukoll mal-Corinthia Palace Hotel Co Ltd dwar nuqqas ta’ qbil fuq l-applikabilita` tar-regoli dwar trasferiment ta’ negozju. Ara dokument a fol. 44;

(4) Lill-appellanti kien inghata avviz ta’ temm ta’ impjieg mill-Corinthia ghar-raguni ta’ “*redundancy*”, bid-data tat-terminazzjoni tas-6 ta’ Settembru 2006 (ara dokument a fol. 40). Fis-7 ta’ Settembru 2006 huwa rega’ gie ingaggat mill-istess kumpanija fuq kuntratt definit. Tali kuntratt tax-xoghol intemm fit-30 ta’ Novembru 2006. Ir-raguni moghtija kienet dik ta’ “Business Closed Down” (ara dokument a fol. 42);

(5) Fit-18 ta’ Dicembru 2006 l-appellanti ntavola l-kaz tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg tieghu mhux ghal raguni tajba u sufficjenti fuq il-premessa li s-socjeta` intimata ma implimentatx il-ligi dwar it-Trasferiment tan-Negozju u rrifjutat li taccettah bhala impjegat taghha;

Premessi dawn il-fatti, jidher li l-kwestjoni principali li fuqha kkoncentraw il-kontendenti sal-mument tas-sentenza kienet tirrigwarda l-eccezzjoni tas-socjeta` appellata illi dik l-azzjoni ta’ l-appellanti quddiem it-Tribunal kienet perenta ai termini ta’ l-Artikolu 75 (3) tal-Kapitolu 452. L-assunt tas-socjeta` appellata ghal din l-eccezzjoni hu minnha rapportat ghall-fatt illi l-*punctum temporis* ghall-komincjament tat-terminu statutorju utli ghall-proponiment tal-kawza kellu jkun l-1 ta’ Awissu 2006, data ta’ l-iffirmar tal-kuntratt mal-Malta International Airport plc. Evidentement, is-sentenza tat-Tribunal tippekka ghall-fatt illi l-Arbitru, ghalkemm okkupa ruhu minnha, ma zammx ruhu fil-parametri stretti tal-vertenza u ta’ l-eccezzjonijiet l-ohra meta dan ma kienx mitlub minnu f’ dak l-istadju u lanqas ma kien hekk mistenni li jinghata gudizzju dwarhom. Din il-Qorti ghalhekk ser tinjora kull osservazzjoni mit-Tribunal dwar il-meritu tal-kaz u behsiebha tillimita ruhha ghall-ezami tal-fondatezza, o meno, tar-ragonament tat-Tribunal in mertu ghall-eccezzjoni mqanqla tad-dekadenza ta’ l-azzjoni;

B’ mod sintetiku hafna, jidher mill-korp tar-rikors ta’ l-appell illi l-appellanti jiddeduci dawn l-argomenti favur it-tezi tieghu:-

(1) Huwa ma setax jippromwovi l-azzjoni tieghu qabel ma ntemm ufficcjalment l-impjieg tieghu mal-Corinthia fl-ahhar ta’ Novembru 2006, ghax kull azzjoni bhal dik kienet titqies prematura u intempestiva;

(2) Il-kuntratt ta’ l-1 ta’ Awissu 2006 bejn is-socjeta` appellata u l-MIA kellu jitqies ghalih *res inter alios acta* u tali ma setax jippregudika l-qaghda tieghu;

Fil-hsieb konsiderat tal-Qorti huwa tajjeb li fil-kwadru ta' din l-impostazzjoni ma jintilefx *di mira* illi s-sostrat baziku tal-pretensjoni ta' l-appellanti riferibilment ghat-temm ta' l-impjieg tieghu hi minnu stess marbuta mal-fatt illi dak it-temm jew tkeccija ngusta kien ir-rizultat dirett tar-rifjut tas-socjeta` appellata li tosserva d-dixxiplina normattiva stabbilita fl-Artikolu 38 tal-Kapitolu 452 u fl-Avviz Legali 433 ta' l-2002 in referenza ghal kaz fejn ikun sehh trasferiment ta' negozju jew azjenda ohra;

Issa apparti l-kwestjoni jekk is-subingress ta' socjeta` wahda minflok ohra fl-inkwlinat ta' l-istess *outlet* jew fil-gestjoni ta' l-istess servizz jew operazjoni in virtu ta' kuntratt gdid u wara sejha ghall-offerti, mhux akkompanjat minn vera cessjoni jew trasferiment, fl-identita` objettiva taghha, tan-negozju jew ta' l-azjenda mill-kumpanija l-wahda lill-ohra, jikkostitwix ipotesi ta' trasferiment ta' negozju bejn negozjant uxxenti u dak li jidhol minfloku a sensu ta' l-Artikolu 38, anke ghaliex strettament dan jirrientra fil-mertu tal-kwestjoni, huwa fatt illi, gjaladarba l-appellanti jallaccja l-licenzjament tieghu mal-qaghda konsegwita minn trasferiment ta' negozju, hi d-data ta' dan l-istess trasferiment (1 ta' Awissu 2006) li ghandha, se mai, tittiehed bhala dik fokali ghall-iskop tad-dekorrenza tat-terminu utli u effettiv tal-ksur allegat skond is-subinciz (3) ta' l-Artikolu 75 tal-Kapitolu imsemmi. Anzi, pjuttost, il-Qorti tara illi, f' rapport ghall-fattispeci tal-kaz prezenti, huwa ferm dubitat kemm jista' jigi accettat illi, ankorke sehh trasferiment ta' negozju skond l-Artikolu 38, l-impjegat li, bhal l-appellanti, jkun baqa' f' rapport ta' impjieg mal-principal originarju u fl-azjenda ta' dan, jista' jivvanta drittijiet fil-konfront tas-socjeta` appellata, cessjonarja tan-negozju. Fil-kumpless, anke jekk issa ghal ragunijiet aktar approfonditi, u anqas skematici minn dawk tat-Tribunal, din il-Qorti ma tarax kif tista' titbieghed mill-konkluzjoni konsegwita bl-akkoljiment ta' l-eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata f' dik il-parti taghha fejn

akkoljiet l-eccezzjoni tat-terminu dekadenzjali ta’ l-azzjoni. L-ispejjez jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------